**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħatal-Kunsill Lokali Marsaxlokk

**Laqgħa Nru. 25**

Data: It-Tlieta 19 ta' Lulju 2016

Ħin: 16:00

Post: 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051

| | | | |
|---|---|---|---|
| Preżenti: | Horace Gauci | - | Sindku |
| | Steven Grech | - | Viċi Sindku |
| | Janice Chetcuti | - | Kunsilliera |
| | Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| | Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| | Duncan Hall | – | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Assenti: | / | | |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma mill-Minuti
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Korrispondenza
6. Materji u rapporti tal-Kumitati/ Sotto-Kumitati
7. Rapporti minn ufficjali u membri tal-Kunsill Lokali
8. Materji Finanzjarji
9. Sej]iet g]all-offerti/ kwotazzjonijiet
10. Skema CIES
11. Approvazzjoni ta' hlasijiet
12. Approvazzjoni ta' petty cash
13. Approvazzjoni ta' works/ purchase orders
14. Mozzjonijiet
15. Attivitajiet
16. Materji o]ra
17. Aġġornament

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.

☎:21652525, 21650937 @:marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Qari u approvazzjoni tal-Minuti**<br><br>Kopja tal-Minuti tas-Seduti precedenti, seduta numru 24 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqg]a u g]aldaqstant il-Minuti ittie]dub]ala moqrija. | | Approvazzjoni ta' minuti |
| | 1.1 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Horace Gauci issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, il-minuti ta' seduta 24 [ew approvati b'votazzjoni unanima. | |
| | 1.2 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. | |
| 2. | Punti mqajma mill-Minuti | | |
| | **2.1** | Ma kienx hemm | |
| 3. | Komunikazzjoni mis-Sindku | | |
| | 3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera pre\enti illi bejn l-20 u t-23 ta' Gunju 2016, flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghall-ahhar sessjonijiet ta' tahrig b'konnessjoni mal-progett Leadership Academy Programme. Is-Sindku spjega kif l-imsemmi programm kien skema ta' tahrig iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja (Norwegian Grants). | Leadership Academy Programme |
| | 3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni mal-festa tar-rahal li kienet inzammet laqgha bejn diversi entitajiet involuti. | Festa |
| | 3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal laqgha ta' ELOGE, progett li l-Kunsill Lokali kien wera interess fih. Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni mal-progett, l-istess Kunsill Lokali kien ikkommetta ruhu illi jigi evalwat sabiex tigi stabbilita l-efficjenza u trasparenza tal-operat. | ELOGE |
| | 3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-27 ta' Gunju 2016 gewwa Pjazza Madonna ta' Pompei kienet twahhlet l-ewwel tabella b'konnessjoni mal-progett 'Rigal lil Marsaxlokk'. Is-Sur Gauci staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv jekk kienux qieghdin isiru l-preparamenti sabiex jitwahhlu l-kumplament tat-tabelli.<br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi minhabba restrizzjonijiet finanzjarji, il-progett kien gie temporanjament inwaqqaf. | Rigal Lil Marsaxlokk |
| | 3.5 | Is-Sindku qal illi nhar it-30 ta' Gunju 2016, kien attenda ghal laqgha ma' rapprezentanti tal-Ministeru rigward is-swieq fil-berah tal-lokalita'. Is-Sur Gauci zied jghdi illi waqt l-istess laqgha kienu gew diskussi l-qisien tal-posti u l-ligijiet li kienu jirreglaw is-swieq fil-berah | Swieq fil-berah |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-1 ta' Lulju 2016 kien attenda ghall-inawgurazzjoni ta' pinnur fil-lokaita' ta' Sliema. Is-Sur Gauci zied jghid illi l-istess progett kien ser isir gewwa Marsaxlokk. | Pinnur |
| | 3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar il-5 ta' Lulju 2016 kien attenda ghal-laqgha tal-bord ta' xrobb l-Ghagin gewwa l-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima. | Xrobb l-Ghagin |
| | 3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar is-7 ta' Lulju 2016, flimkien ma' rapprezentanti ohra mill-Kunsill Lokali kien zamm laqgha mal-Agent Kummissarju tal-Pulizija. Is-Sur Gauci zied jghid illi waqt l-imsemmija laqgha kienu gew diskussi diversi temi relatati ma' nuqqas ta' infurzar fil-lokalita' flimkien ma diffikultajiet ohra. | Laqgha mal-Pulizija. |
| | 3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-8 ta' Lulju 2016 kiena ttenda ghal sessjoni tal-attivitajiet Gvern li Jisma' li matulhom kien gie varat il-progett ta' rigenerazzjoni ghal Marsaxlokk. Is-Sur Gauci zied jghid illi b'konnessjoni mal-istess inizjativa kienu gew mnehdija numru ta' mezzi ta' promozzjoni u konsultazzjoni. | Regeneration Plan |
| | 3.10 | Is-Sindku qal illi nhar it-12 ta' Lulju 2016 kien attenda ghal laqgha tal-Kabinett li kienet inzammet gewwa l-iskola primarja tal-Fgura. Is-Sur Gauci ghadda sabiex jaghti rendikont ta' dak li kien qal waqt l-inizjativa. | Laqgha tal-kabinett |
| | 3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar l-14 ta' Lulju 2016, is-Segretarju Ezekuttiv kien attenda ghal laqgha li kienet giet mitluba mill-Onor. Deborah Schembri rigward boatyard fil-lokalita.<br>Is-Segretarju Ezekuttiv ghadda sabiex jinforma lill-Kunsill Lokali b'dak li kien gie diskuss waqt il-laqgha imsemmija. | Boatyard |
| 4. | Mistoqsijiet lis-Sindku | | |
| | 4.1 | Ma kienx hemm | |

F'dan l-istadju is-Sindku talab sospesjoni tar-regolamenti sabiex tkun tista' tigi diskussa problema li kienet inqalghet ma kuntrattur partikolari u li fl-opinjoni tieghu kellha tigi diskussa waqt is-seduta. Is-Sa. Janice Chetcuti issekondat il-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera pre\enti.

Is-Sindku stieden lis-Sur Frans Bonnici sabiex jaghmel l-intervent tieghu u jispjega l-Kunsill Lokali x'kienet il-problema li kellu mal-Kunsill Lokali. Is-Sur Frans Bonnici spjega kif bejn Jannar 2009 u Frar 2012 kien ghamel bosta xogholijiet ghall-Kunsill Lokali. Is-Sur Bonni'i \ied jg]id illi g]ax xogholijiet li kien g]amel ma kienx ipprezenta fattura immedjatament izda pprezenta rendikont tax-xoghol li kien ghamel f'Dicembru 2014.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi filwaqt li dak li kien sahaq is-Sur Bonnici kien minnu, wara e\ercizzju ta' verifika li kien ghamel il-Kunsill lokali kien irri\ulta illi x-xogholijiet li kienu saru matul l-2012 u parti mill-2011 kienu gew imhallsa u kienu koperti bid-dokumenti kollha legalment mehtiega. Is-Sur Hall zied jghid illi l-materja kienet diga' giet diskussa waqt seduta tal-kunsill Lokali fil-legislatura precedenti u kien gie deciz illi s-Sur Bonnici ghandu jithallas tax-xogholijiet li ghalihom kienet inharget works order. Sfortunatament, kienu irrizulta illi l-maggoranza assoluta tax-xogholijiet ma kienx kopert b'works order.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Wara diskussjoni libera li matulha il-Kunsill Lokali gie infurmat mis-Segretarju Ezekuttiv illi l-Kunsill Lokali kellu jkun kawt dwar l-azzjoni li kien ser jiehu ghaliex fir-rigward kien hemm ksur tal-proceduri tax-xiri, gie stabbilit illi s-Sur Bonnici kien effettivament wettaq ix-xogholijiet. Dan fuq xhieda ta' kunsillier li kien membru fil-Kunsill Lokali fiz-zmien li matulu gie ordnat ix-xoghol.<br><br>Finalment intlehaq qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi kellu jintalab parir legali dwar il-materja. Gie deciz illi kemm il-darba kien jezisti mezz legali sabiex is-Sur Bonnici jithallas, kellhom isiru l-hlasijiet mitluba galadarba x-xoghol kien sar | | | |
| 5. | Korrispondenza | | |
| | 5.1 | E-mail datat 1 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu is-Sindku informa lill-Ispettur Melvyn Camilleri flimkien mas-Supretendent Sandro Gatt b'allegati abbuzi li kien qieghed iwettaq is-sid tal-istabbiliment Il Giardino. | Abbuzi |
| | 5.2 | E-mail datat 23 ta' Gunju li permezz tieghu is-Sur Vincent De Bono informa lill-Kunsill Lokali b'publikazzjoni ta' zewg kotba li taghhom huwa kien l-awtur u talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jixtri kopja tal-kotba li kienu jiswew €30.<br>Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur De Bono kellu jghaddi lill-Kunsill Lokali aktar informazzjoni dwar il-materja sabiex tkun tista' tittiehed decizjoni | Xiri ta' kotba |
| | 5.3 | Permezz ta' e-mail datat 4 ta' Lulju 2016, il-Kumpanija WeeJump Co, talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess ghal bouncing castle bejn is-27 ta' Lulju 2016 u l-31 ta' Lulju 2016.<br>Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi t-talba ta' WeeJump Co ma setghetx tigi milqugha. | Talba ghal permess |
| | 5.4 | E-mail datat 5 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu is-Sindku informa lill-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu illi s-sid tal-fond 'Id-Dura' li kien jinstab fi Triq iz-Zejtun, Marsaxlokk kien qieghed iwettaq illegalitajiet u talab illi tittiehed azzjoni sabiex is-sitwazzjoni tigi ratifikata. | Abbuzi |
| | 5.5 | Permezz ta' ittra datata 1 ta' Lulju 2016, l-Ghaqda Muzikali Madonna ta' Pompei talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jikkollabora f'attivita' li kienet ser tittella' nhar is-Sibt 30 ta' Lulju 2016.<br>Wara li inqraw id-dettalji tal-attivita' proposta kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jikkollabora bl-involviment finanzjarju min-naha tal-istess Kunsill Lokali ma jeccedix il-€100. | Proposta ta' attivita' |
| | 5.6 | Permezz ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2016, l-Ghaqda Gbir ghan-nar-Pompei Marsaxlokk u l-Ghaqda 8 ta' Mejju talbu lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jidhol ghall-ispiza ta' €619.15 li kienet tkopri l-prezenza tas-servizzi tal-Protezzjoni Civili waqt il-hruq tan-nar b'konnessjoni mal-festa tal-lokalita'.<br>Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi t-talba ma kelliex tigi milqugha minhabba li legalment il-Kunsill Lokali ma setax joffri tali ghajnuna. | Talba ghal ghajnuna finanzjarja |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | 5.7 | E-mail datat 14 ta' Lulju 2016 li permezz tieghu is-Sur Victor Fenech informa lill-Kunsill Lokali illi l-kuntrattur tal-gbir tal-iskart goff kien ikkawza hsarat fit-tarag tal-fond li kien jabita fih u talab illi tissewwa l-hsara.<br>Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi s-Sur Fenech kellu jintalab jigbor stima tal-hsarat sabiex it-talba tieghu tkun tista' tigi evalwata. | Hsarat |
| | 5.8 | Permezz ta' notifiki li deheru fil-gazzetta tal-Gvern l-Awtorita' ghall-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/02429/16, PA/02252/16, PA/00866/16, PA/00917/16, PA/02933/15, PA/00577/16, PA/0185/16, PA/03361/6, PA/03570/16, PA03612/16, PA/02381/16, PA/02655/16, PA/02696/16, PA/033771/6, PA/04675/15, PA/028801/6 u PA/02905/16.<br>Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux isib oggezzjoni ghall-applikazzjonijiet imsemmija ghajr ghal applikazzjoni numru PA/02429/16. | PA |
| | 5.9 | E-mail datat 9 ta' {unju 2016 li permezz tieg]u isSur Kenneth Cutajar min District Operations Ltd. g]adda lill-Kunsill Lokali ftehim li kien intle]aq bejn is-Segretarjat Parlamentari g]all-Gvern Lokali u district Operations Ltd. rigward ]addiema li kienu [ew assenjati ja]dmu mal-Kunsilli Lokali.<br>Wara li inqraw id-dettalji tal-ftehim imsemmi, kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera pre\enti illi l-Kunsill Lokali kellu jiffirma. | District Operations Ltd. |
| | 5.10 | Permezz ta' notifiki li deheru fil-gazzetta tal-Gvern, l-Awtorita' g]all-Ippjanar ]abbret li kienet ir'eviet applikazzjonijiet g]al \vilupp bin-numri PA/01476/16, PA/02119/16, PA02429/16, PA02252/16, PA/02993/15, PA00548/16, PA/00458/16, PA/01664/15, PA/03328/15, PA/04897/15, PA/04659/15 u EC/00278/16.<br>Wara li [ew moqrija d-dettalji tal-applikazzjonijiet imsemmija, kien hemm qbil fost il-Kunsilliera pre\enti illi ma kellha tinstab ebda o[[ezzjoni. | Planning Authority |
| | 5.11 | Permezz ta' applikazzjoni li waslet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar l-14 ta' Lulju 2016, il-Kunsill Lokali gei mitlub jevalwa l-possibilita' illi jinhareg permess ghal kiosk li kien ibigh helu tradizzjonali matul ix-xahar ta' Lulju 2016.<br>Wara li evalwa t-talba, il-Kunsill Lokali iddecieda illi l-permess kellu jinhareg ghal mhux aktar minn tlett ijiem fil-gimgha u kellu jkun allokat spazju fi Triq Xatt is-Sajjieda (quddiem kunvent tas-Sorijiet) | Talba ghal permess |
| | 5.12 | Permezz ta' stima li waslet fl-ufficcju tal-Kunsill Lokali nhar il-11 ta' Lulju 2016, is-Sur Benjamin Grech, haddiem ta' District Operations Ltd. li kien assenjat mal-Kunsill Lokali talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jirrikumpensah ghal nuccali li kien inkiser waqt li kien qieghed jaghmel xoghol ghall-Kunsill Lokali fi Triq Xatt is-Sajjieda.<br>Segwiet diskussjoni libera li matulha gie deciz illi l-kunsill Lokali kellu jaghmel talba lill-kumpanija ta' assikurazzjoni sabiex kemm | Talba ghal rimbors |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | il-darba ikun possibbli is-Sur Grech jigi rimborsat. Gie deciz ukoll illi kemm il-darba t-talba ma tigix milqugha mill-kumpanija ta' assikurazzjoni, u galadarba l-incident kien sehh waqt il-qadi ta' dmirijietu, is-Sur Grech kellu jigi rimborsat mill-Kunsill Lokali. | |
| | 5.13 | Permezz ta' e-mails datati 8 ta' Lulju 2016, is-Sur Mark Farrugia talab lill-Kunsill Lokali kumpens ghal danni li kien garrab fil-vettura tieghu fi Triq il-Patrijiet Terezjani kawza ta' hofra li kien hemm.<br>Wara li xtarr it-talba tas-Sur Farrugia, il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jitob parir legali dwar il-materja. | Talba ghal kumpens |
| 6 | Materji u rapporti ta' kumitati/ Sotto-Kumitati | | |
| | 6.1 | Ma kienx hemm. | |
| 7. | Rapporti minn uffi'jali u membri tal-Kunsill Lokali | | |
| | 7.1 | Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi flimkien mas-Sotto-Kumitat taghha kienet qieghda tahdem sabiex tressaq lill-Kunsill Lokali proposta ghal attivita'. Is-Sa. Chetcuti qalet illi kif ikollha d-dettalji kienet ser tkun qieghda tressaqhom lill-Kunsill Lokali ghad-diskussjoni. | Attivita' |
| 8. | Materji Finanzjarji | | |
| | 8.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lokali kopja tar-rapport ta' kull kwart g]all-perjodu April-Gunju 2016 g]ad-diskussjoni. Is-Sur Hall imbag]ad g]adda sabiex jag]ti spjegazzjoni dettaljata dwar l-abbozz tad-dokumenti imsemmi lill-Kunsill Lokali.<br>Huwa sa]aq illi flimkien mas-Sindku kien idiskuta mizuri li setghu jittiehdu sabiex tigi kkontrollata ahjar in-nefqa tal-Kunsill Lokali, liema mizuri kienu gew implimentati. Issemmew ukoll dettalji u punti li kienu hargu minn diskussjoni li l-Kunsill Lokali kellu mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-materja.<br><br>Wara diskussjoni qasira, fuq proposta tas-Sur Horace Gauci issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva r-rapport finanzjarju g]all-ewwel kwart tas-sena hekk kif propost. | ***Rapport ta' kull kwart*** |
| 9. | Sej]iet g]all-offerti / kwotazzjonijiet | | |
| | 9.1 | Ma kienx hemm | |
| 10 | Skema CIES | | |
| | 10.1 | Is-Segretarju E\ekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif deciz il-Kunsill Lokali kein ghamel l-intervisti lil dawk li kienu baghatu curriculum vitae b'konnessjoni ma impjieg mal-Kunsill Lokali permezz tal-iskema CIES. Is-Sur Hall zied jghid | Skema CIES |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | illi l-persuni li ghamlu l-intervisti li kienu s-Sindku, is-Sa. Janice Chetcuti u hu innifsu, kienu qieghdin jirrakkomandaw illi l-Kunsill Lokali jipproponi illi jimpjega lis-Sa. Roxanne Agius.<br>Wara disksjoni libera, fuq proposta tas-Sur Daniel Zerafa issekondata mis-Sa. Janice Chetcuti, u li ghaddiet b'votazzjoni unanima, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jimpjega lis-Sa. Roxanne Agius fuq bazi part-time. | |
| 11 | Approvazzjoni ta' ]lasijiet | | |
| | 11.1 | Is-Segretarju E\ekuttiv po[[a fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 7/16 ) g]all-approvazzjoni. | Apptovazzjoni ta' ]lasijet |
| | 11.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Daniel Zerafa, issekondat mill-Kunsillier Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inklu\i fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. | |
| 12 | Approvazzjoni ta' Petty Cash | | |
| | 12.1 | Is-Segretarju E\ekuttiv po[[a fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash ma]ru[a matul Gunju 2016. | Approvazzjoni ta' petty cash |
| | 12.2 | Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sa.Janice Chetcuti, il-Kunsill Lokali unanimament approva lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il minuti. | |
| 13 | Approvazzjoni ta' works/purchase orders | | |
| | 13.1 | Is-Segretarju E\ekuttiv po[[a fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' works/purchase orders ma]ru[a matul Gunju 2016. | |
| | 13.2 | Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Daniel Zerafa, il-Kunsill Lokali unanimament approva lista msemmija li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il minuti. | |
| 14 | Mozzjonijiet | | |
| | 14.1 | Ma kienx hemm | |
| 15 | Attivitajiet | | |
| | 15.1 | Ma kienx hemm | |
| 16 | Materji O]ra | | |
| | 16.1 | Is-Sur Daniel Zerafa informa lill-Kunsill Lokali illi minn infromazzjoni li kellu permess li kien gie deciz li jihareg ghal | Marsaxlokk F.C. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | tombla f'isem Marsaxlokk F.C. kien jinhtieg li jinbidel ghal tombla ghaliex kienet ser tinbidel it-tip ta' attivita'.<br>Kien hemm qbil unanimu illi s-Sur Joseph Mifsud minn Marsaxlokk F.C. kellu jigi mitlub jaghmel laqgha mal-Kunsill Lokali sabiex jghaddi dettalji tal-attivita' li kien qieghed jigi propost li ssir. | |
| | 16.2 | Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu azzjoni rigward il-bajja tal-maghluq u zoni li kienu ddelinejati bhala dog friendly beach fl-istess bajja peress li kien qieghed ikun hemm diversi ilmenti illi kien qieghed ikun hemm annimali jghumu u fuq ir-ramel mal-bajja kollha u mhux f'partijiet minnha.<br>Wara disksusjoni libera, gie stabbilit illi fic-cirkostanzi ma kien qieghed ikun hemm ebda illegalita' u ghaldaqstant ma kien hemm xejn x'seta' jaghmel il-Kunsill Lokali dwar il-materja. | Dog Friendly beach |
| | 16.3 | Is-Sur Daniel Zerafa qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jiehu azzjoni sabiex jitnehhew oggetti li kienu intelqu fi Sqaq Busbiesi minghajr l-awtorizzazzjonijiet mehtiega.<br>Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-proposta tas-Sur Zerafa kellha tigi implimentata | Sqaq Busbiesi |
| | 16.4 | Is-Sa. Janice Chetcuti qal illi xi residenti kienu ilmentaw dwar il-fatt illi vettura tal-kumpanija Maltapost plc li kienet tkun sorguta f'Xatt is-Sajjieda sabiex isiru hlasijiet rispettivi kienet twaqqfet.<br>Wara diskussjoni libera, dwar il-materja, giet stabbilit illi l-Kunsill Lokali ma setax jobbliga lill-kumpanija ikkoncernata tibqa' toffri s-servizz. | Maltapost plc |
| | 16.5 | Is-Sa. Janice Chetcuti qalet illi kienu qieghdin jidhlulha diversi ilmenti dwar il-bajja tal-Ghar l-Ahmar. Hija specifikat illi kienu qieghdin jilmentaw diversi residenti rigward kampegg u bbqs. Is-Sa. Chetcuti ziedet tghid illi minn informazzjoni li kellha kien hemm diffikulta' dwar l-interpretazzjoni tal-kelma kamp.<br>Wara diskussjoni libera, li matulha gie stabbilit illi b'kamp, il-Kunsill Lokali ried ifisser kull tip ta' tinda ghajr umbrelel gie deeciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mal-pulizija sabiex tigi infurzata bye-law dwar il-materja. | Kampijiet u bbq |
| | 16.6 | Is-Sa. Janice Chetcuti staqsiet lill-Kunsill Lokali jekk kenitx ser tkun qieghda ssir esibizzjoni dwar il-bahar li dwarha l-Kunsill Lokali kien ircieva korrispondenza.<br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lis-Sa. Chetcuti illi l-attivita' kienet ser tkun qieghda ssir fi pjazza Madonna ta' Pompei hekk kif propost. | Esibizzjoni |
| | 16.7 | Is-Sur Steven Grech informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghadu qieghed jigi avvicinat rigward problema ta' hamiem selvagg li | Hamiem Selvagg |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | kien hemm f'barumbara minghajr saqaf li kienet tinstab fi Triq il-Luzzu.<br>Kien hemm qbil illi kellha tintbaghat ittra lill-awtoritajiet koncernati dwar il-materja. | |
| | 16.8 | Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jkompli jwahhal l-avvizi ta' sgombru mal-karrijiet u dghajjes li kien hemm fil-lokalita'.<br>Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-mizura proposta mis-Sur Grech fiz-zona tal-Ghar l-Ahmar. | Karrijet u oggetti ta' sgombru |
| | 16.9 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sa. Mary Cachia, li kellha proprjeta' fi Triq l-Arznell, kienet talbet illi l-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jtella' cint li kien hemm fil-konfini tal-proprjeta' taghha u li kien intlaqat minn vettura.<br>Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti illi galadarba c-cint kien fi proprjeta' privata, dan kellu jittella' mis-sid tal-istess proprjeta' li legalment kellu r-responsabilita' kollha tal-fond. | Cint |
| | 16.10 | Is-Sur Steven Grech qal illi wara li flimkien mas-Sindku u mas-Segretarju Ezekuttiv kien iltaqa' mas-settur privat li kien ser jghin sabiex isiru xogholijiet biswit iz-zona tal-hardstanding facility. Is-Sur Grech qal illi kien qieghed jigi ppjanat illi x-xogholijiet jinghataw bidu fil-gimgha tal-festa tal-lokalita'. | Xogholijiet |
| | 16.11 | Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiddiskuti l-possibilita' illi jsib soluzzjoni temporanja ghall-problema ta' nuqqas ta' dawl li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda.<br>Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jigbor stima sabiex b'mod temporanju isiru floodlights f'Xatt is-Sajjieda. | Nuqqas ta' dawl |
| | 16.12 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kienu dahlu diversi ilmenti li kienu gew ivverifikati dwar hofor f'diversi toroq fil-lokalita'. B'konnessjoni mal-materja, il-Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' talbiet ghal kumpens fuq vetturi. Is-Sur Hall talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jixtri cold asphalt sabiex isir patching tal-imsemmija hofor.<br>Wara diskussjoni qasira, il-Kunsill Lokali ivvota s-somma ta' €250 ghal xiri ta' cold asphalt. | |
| | 16.13 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi bandiera li l-Kunsill Lokali kellu u li kienet tintuza ma' arblu li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda kienet tqattghet u kien jinhtieg li tinxtara ohra gdida.<br>Fuq suggeriment tas-Sindku, gie deciz illi kellha tingabar stima minghand il-kumpanija UV Print ghax-xiri ta' bandiera | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | gdida. | |
| 17 | A[[ornament | | |
| | 17.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:40p.m. wara li [iet e\awrita l-a[enda u [iet a[[ornata g]al nhar it-tlieta 19 ta' Awissu 2016 fl-4:00p.m. | A[[ornament |

IFFIRMATA

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv

19/8/16
Data:______________